# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.3**

Nagħrfu l-postijiet ta' nteress li nsibu fil-Bliet il-Qodma.

## A. Agħżel it-tweġiba t-tajba.



1. Il-Katidral ta' Malta qiegħed (il-Birgu, l-Imdina, il-Belt Valletta, il-Furjana).
2. Fl-Imdina nistgħu nżuru (Palazzo Falson, il-Forti Sant' Iermu, il-Palazz tal-Gran Mastru, il-pixkerija).
3. It-Torri tal-Istandard nistgħu narawh (l-Imdina, il-Belt Valletta, is-Siġġiewi, il-Mellieħa).
4. Fil-Birgu nistgħu naraw (il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Kastell Sant'Anġlu, it-Torri tal-Istandard, id-Dar Normanna).
5. Il-Palazz tal-Inkwiżitur nistgħu nżuruh (l-Imdina, il-Birgu, iċ-Ċittadella).
6. Fil-Birgu l-Kavallieri bnew (sptar, Katidral, Mużew). Illum dan jintuża bħala kunvent tas-sorijiet.



7. Fiċ-Ċittadella nsibu l-Katidral t'Għawdex li huwa ddedikat lil (San Ġakbu, San Ġwann, Santa Marija).
8. Il-Collachio kien post maqtugħ għall-Kavallieri biss. Insibu Collachio (fl-Imdina, fil-Birgu, fiċ-Ċittadella).
9. Fil-Pjazza tal-Katidral taċ-Ċittadella nistgħu nżuru (Palazzo Falson, Ħabs Antik, il-Palazz tal-Inkwiżitur).

**B. Aqra dawn u wara aħdem l-eżerċizju li jmiss.**

Pawlu Attard jattendi l-Ħames Sena tal-Primarja. L-iskola qegħdin jitgħallmu dwar il-bliet qodma Maltin. Il-papà ta' Pawlu, is-Sur Toni Attard, iddeċieda li f'Jannar, kull nhar ta' Ħadd, jibdew iżuru xi belt qadima. Magħhom ingħaqdet ukoll Mariosa Cassar, ħabiba ta' Pawlu li toqgħod fl-istess triq tagħhom u li qiegħda wkoll fil-Ħames Sena. Waqt iż-żjarat li għamlu, ħadu ħafna ritratti biex wara jagħmlu album ta' tifkira.

Dawn kienu sitt ritratti li ħadu. Ikteb l-isem tal-belt: **IL-BIRGU, L-IMDINA** jew **IĊ-ĊITTADELLA** taħt kull ritratt. Kull isem irid jinkiteb darbtejn.



**Il-Bieb ta' Mondion**

____________________



**Il-Katidral ta' Santa Marija**

____________________



**Il-Kastell Sant'Anġlu**

____________________



**Il-Katidral ta' San Pawl**

____________________



**Il-Palazz tal-Inkwiżitur**

____________________



**Triq dejqa ġo Għawdex**

____________________

**Ċ. Kompli wieġeb dwar iż-żjarat li għamlu s-Sur Toni Attard, Pawlu u Mariosa fil-bliet il-qodma. Aqta' sing taħt it-tajbin.**



1. Fl-ewwel Ħadd ta' Jannar, is-Sur Attard ħa lil Pawlu u lil Mariosa f'belt antika maġenb il-baħar. Huma marru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq) u hemmhekk, fil-pjazza raw l-istatwa (ta' San Ġużepp, tal-Vitorja, ta' Sant' Agata)

2. Fit-tieni Ħadd ta' Jannar huma marru f'belt qadima f'Malta mibnija fuq għolja. Huma marru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq) u hemmhekk żaru (l-Palazz tal-Inkwiżitur, l-Katidral, l-Mużew tal-Arkeoloġija).

3. Fit-tielet Ħadd ta' Jannar huma marru Għawdex iżuru l-belt qadima t'hemmhekk. Huma żaru (l-Imdina, ċ-Ċittadella, l-Birgu, ż-Żurrieq) u kif kienu hemm raw (it-Torri tal-Arloġġ, sptar antik tal-Kavallieri, żewġ bereġ tal Kavallieri).

4. Kemm ġewwa l-Imdina kif ukoll ġoċ-Ċittadella, it-tfal ħadu ħafna ritratti ta' (xarabanks, jottijiet lussużi, toroq dojoq, bereġ tal-Kavallieri).

5. Fl-istampa fuq il-lemin jidher it-Torri tal-Istandard. Dan jinsab (il-Birgu, l-Imdina, iċ-Ċittadella, il-Belt Valletta).

6. Fil-Birgu t-tfal ħadu ritratti ta' (bereġ qodma tal-Kavallieri, Mużew tal-Folklor, Katidral, Mużew tal-Istorja Naturali).



## D. Wieġeb dwar IĊ-ĊITTADELLA.

1. X'jisimha l-belt Għawdxija li tinsab ftit 'il barra miċ-Ċittadella?

_______________________________________________

2. Semmi żewġ postijiet ta' nteress li nistgħu naraw meta nżuru ċ-Ċittadella:

   a) _______________________________________________

   b) _______________________________________________

## E. Agħżel minn dawn l-attrazzjonijiet li ġejjin biex twieġeb:

| | | |
|---|---|---|
| it-Torri tal-Istandard | Palazzo De Vilhena | il-Katidral ta' Malta |
| il-Manderaggio | is-Sagra Infermerija | il-KnisjaTal-Karmnu |
| il-Mużew tal-Folklor | Bieb il-Griegi | il-Kastell Sant' Anġlu |
| il-Knisja ta' San Lawrenz | il-Palazz tal-Isqof | il-foss |
| il-Berġa tal-Ingilterra | il-Palazz tal-Inkwiżitur | il-Couvre Porte |
| Il-Collachio | l-Istatwa tal-Vitorja | il-Mużew tal-Arkeoloġija |
| it-Torri tal-Arloġġ | Palazzo Falson | il-Monument tal-Ħelsien |
| il-Katidral t'Għawdex | il-Bini tal-Qorti | il-Ħabs il-Qadim. |

1. Semmi sitt (6) attrazzjonijiet li tista' żżur ġewwa l-Imdina:

   a) ____________________ b) ____________________

   ċ) ____________________ d) ____________________

   e) ____________________ f) ____________________

2. Semmi tliet (3) attrazzjonijiet li tista' żżur ġewwa l-pjazza ewlenija taċ-Ċittadella:

   a) ______________ b) ______________ ċ) ______________

3. Semmi erba' (4) attrazzjonijiet li tista' żżur ġewwa l-Birgu:

a) ______________________ b) ______________________

ċ) ______________________ d) ______________________

## F. Niktbu Ftit




Wara dawn il-lezzjonijiet, sirt taf ħafna informazzjoni fuq il-postijiet ta' importanza storika li jinsabu f'dawn l-ibliet. Issa għandek tagħrif ġenerali u konxji biżżejjed tal-postijiet prinċipali u l-karatteristiċi ta' dawn il-postijiet.

**Agħżel post interessanti fil-Birgu, l-Imdina jew fiċ-Ċittadella u ikteb paragrafu fuqu. Dawn il-videos jistgħu jgħinuk.**

**Naraw dawn**

- video: **IĊ-ĊITTADELLA, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/NpkRLCTFnQM
- video: **IĊ-ĊITTADELLA, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/afsEVZ0vV4o
- video: **L-IMDINA, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/0Unkki8zUxY
- video: **L-IMDINA, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/IRER0m7L_Nc
- video: **IL-BIRGU, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/WFUCyyLxOJ0
- video: **IL-BIRGU, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/4lbha2sfUdE